MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## ABIGAIL LOFARO

Seduta tas-7 ta' Novembru, 2013

Rikors Numru. 407/2013

**AB**

**Vs**

**CB**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors li permezz tieghu ir-rikorrenti ippremettiet:

Illi l-partijiet izzewgu fis-sbatax (17) ta’ Settembru tas-sena elf disa’ mija disgha u disghin (1999), u dan kif jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg anness u mmarkat Dokument A, u minn dan iz-zwieg fl-ghaxra (10) ta’ Marzu tas-sena elfejn u wiehed (2001) twieled tifel bl-isem ta’ Isaac ;

Illi l-partijiet ilhom legalment separati in forza ta’ kuntratt fl-atti Nutar Dottor Ann Fenech Adami sa mit-tmienja u ghoxrin (28) ta’ Settembru tas-sena elfejn u sebgha

(2007) u dan skont il-kopja tal-kuntratt tas-separazzjoni personali hawn annessa u mmarkata bhala Dokument B ;

Illi m'hemm l-ebda prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet stante illi minbarra li ilhom sitt snin mifrudin minn ma xulxin, illum ghandhom hajja totalment separata minn ma xulxin u r-rikorrenti sahansitra fformat rabta soda u relazzjoni stabbli ma persuna ohra tant li minnu ghandha zewgt'ulied ohra ;

Illi skont l-istess kuntratt ta' separazzjoni personali, senjatament il-klawsola numru erbgha (4) il-partijiet iddekadew reciprokament ghad-dritt ta' manteniment fil-konfront ta' xulxin ;

Illi skont il-klawsola sitta ittra 'a' (6a) tal-istess kuntratt il-partijiet qablu li l-intimat ghandu jivversa lir-rikorrenti tmenin Lira Maltija (LM 80) kull xahar ghall-minuri Isaac, sakemm dana jilhaq l-eta' ta' tmintax-il sena, haga li l-intimat jaghmel regolarment skont il-ftehim ;

Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skond l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta ;

Talbet li l-intimat jghid ghaliex din l-Onorabbli Qorti, m'ghandhiex:

1. Tippronunzja l-hall ta' zwieg bejn il-partijiet;

2. Tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex, fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet sabiex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku ta' Malta;

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tal-20 ta' Awissu 2013;

Semghet lir-rikorrenti tixhed bil-gurament taghha;

Rat illi l-intimat debitament notifikat ma ipprezentax risposta u ma deherx ghal dawn il-proceduri;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi biex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvat illi il-partijiet ilhom legalment separati mit-28 ta' Settembru 2007 u illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

Illi ir-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda pendenza fir-rigward ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------